MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2010

Numru. 357/2009

Il-Pulizija
(Sp Joseph Mercieca)
vs
Giovanni Conte, iben Eugenio, imwieled Napli, Italja fit-28 ta’ Frar, 1966, Karta tal-Identita’ numru 8945A

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kkontra l-imputat –
1. talli fis-6 ta’ Lulju, 2007, f’xi ħin bejn it-3.50 p.m. u it-8.00 p.m., mill-fond numru 449B, Faust, Triq il-Kbira San Ġuzepp, Santa Venera kkometta serq ta’ għadd ta’ oġġetti, fosthom flus, mobile phone u xi ġjollerija, liema serqa hi aggravate bil-valur li ma jeċċedix €2,329.37 u bil-lok, li saret għad-dannu tal-koppja Carmelo u Angela Hili u/jew ta’ persuna/I oħra;

2. talli fid-9 ta' Lulju, 2007, u jew fil-jiem ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, bi ħsara ta' ħaddieħor, għamel qliegħ b'qerq li ma jeċċedix €232.94 għad-dannu ta' Lewis Carter u/jew persuna/I oħra;
3. talli rrenda ruħu reċidiv skond l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali permezz ta' diversi sentenżi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema senteżi huma definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Jannar, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 261(ċ)(e), 267, 269(g) u 309 tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda wara li rat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-ħruġ ta' Probation Order għal żmien tlett snin mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna lill-imputat li jħallas is-somma ta' €232.94 lil Lewis Carter fi żmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------